MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2011

Citazzjoni Numru. 429/2010

Kawza fil-lista: 49

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet: li fis-17 ta' Awissu 2002 hija kkuntrattat zwieg mal-konvenut; li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini ta' tal-paragrafu [d] u fit-termini tal-paragrafu [h] ta' l-artikolu 19 [1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta' Malta; ghaldaqstant qed titlob li z-zwieg de quo jigi dikjarat null u bla effett fil-ligi;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li biha jeccepixxi li ir-responsabbilita' ghan-nullita' hija ta' l-attrici;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavit prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob dikjarazzjoni gudizzjali minn din il-Qorti fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fis-17 ta' Awissu 2002 huwa null fil-ligi fit-termini ta' dispozizzjonijiet tal-ligi fuq citati.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jaqbel li z-zwieg huwa null, izda qed jikkontesta l-htija.

**Il-Fatti**
Illi mill-provi jirrizultaw mhux kontraddetti s-segwenti fatti.

Illi l-partijiet izzewwgu fis-17 ta' Awissu 2002 meta allura hi kellha 17-il sena u l-konvenut kellu 19-il sena, u wara li l-konvenuta kienet qed tistenna tarbija mill-konvenut kif pjanat minnhom.

Jirrizulta li l-partijiet kienu iltaqghu u bdew johorgu flimkien meta kien ghad kellhom 14 u 17-il sena rispettivament. Il-genituri ta' l-attrici, b'mod specjali missierha, ma ried li bl-ebda mod l-attrici tkompli f'relazzjoni mal-konvenut tant hu li kien taha ghazla li jew titilqu jew inkella titlaq mid-dar tal-genituri taghha.

Fil-fatt l-attrici telqet mid-dar biex tkompli r-relazzjoni li kellha mal-konvenut u marret tghix ghand in-nanna materna.

Meta l-attrici kien ghad kellha biss 17-il sena hija harget tqila bi ftehim mal-konvenut sabiex b'hekk ikunu jistghu imorru jghixu flimkien. Il-familjari insistew li l-partijiet jizzewgu u fil-fatt il-partijiet hekk ghamlu. Il-partijiet kellhom zewgt itfal.

L-attrici tghid li l-konvenut qatt ma ried jahdem u jiehu responsabbilta` ta’ hajja mizzewga u li kienet hi li kienet tahdem sabiex tmantni l-familja. Meta l-konvenut beda jahdem gewwa Paceville huma kienu jiltaqghu ftit hafna. L-attrici stqarret li kellha zewg relazzjonijiet extra-maritali waqt iz-zwieg, liema fatt jinsab kkonfermat minn xhieda ohra wkoll.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta manifestament li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali l-partijiet kellhom difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

Il-provi juru li l-partijiet izzewwgu minhabba pressjonijiet li sarulhom mill-familjari taghhom u qatt ma kellhom intenzjoni li jersqu ghaz-zwieg jekk mhux minhabba dina r-raguni[1]. Inoltre, jidher car u dan jinsab ukoll ikkonfermat mix-xhieda, li l-partijiet urew immaturita` fl-ghazliet u r-ragunamenti taghhom. Dan jidher specjalment meta l-istess partijiet iddecidew li jkollom wild semplicement biex ikollhom aktar liberta` u jkunu jistghu imorru jghixu ghall-rashom[2]. Il-partijiet it-tnejn jaqblu li l-attrici kienet imdejqa d-dar u li kellhom problemi ma’ missierha u ghalhekk telqet sabiex tkun mal-konvenut u marret tghix ghand in-nanna fejn xorta hassitha ssikata u ghalhekk riedet aktar liberta`, is-soluzzjoni ghal dan, fil-fehma tal-partijiet, kien li jkollhom tarbija.

Is-sensiela ta’ decizjonijiet immaturi da parti tal-partijiet wassal ghal zwieg bejn zewg persuni li kienu ghadhom zghar kemm fl-eta` kif ukoll fil-maturita` u li spicca f’ firda bejniethom b’partecipazzjoni ta’ terzi persuni li maghhom l-attrici kellha relazzjoni tant li hasbu li t-tieni wild seta’ ma kienx tal-konvenut.

Ghaldaqstant, fil-fehema ta’ din il-Qorti, f’ dan il-kaz jikkonfigura fil-konfront tal-partijiet il-*caput nullitatis*

[1] Fol. 16, 19, 24.
[2] Fol. 16, 38

kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu 19[1] tal-Kap.255; u ghalhekk it-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt, u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fis-17 ta' Awissu 2002.

L-ispejjez jkunu a kariku taz-zewg partijiet nofs bin-nofs.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------